Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,583, 5 ta' Marzu, 2021
Taqsima B

A.L. 70 tal-2021

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni tal- 2021 dwar in-Nomina ta' Awtorità Kompetenti għar-Regolament (UE) 2019/941

BIS-SAĦĦA tas- setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 dwar in-Nomina ta' Awtorità Kompetenti għar-Regolament (UE) 2019/941.

(2) L-għan ta' dan l-ordni hu sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"Regolament" tfissir ir-Regolament (UE) 2019/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE.

Awtorità kompetenti.

3. Il-Ministeru responsabbli għall-enerġija huwa b'dan nominat bħala l-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-Regolament.

Setgħat tal-awtorità kompetenti.

4. L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tiddelega kompiti operazzjonali rigward l-ippjanar ta' tħejjija għar-riskji u l-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fir-Regolament lil korpi oħra, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament.